**27 ta' Diċembru, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Alfred Grima *noe.*

*versus*

Saviour Mifsud *noe.*

**Kuntratt ta' Nolleġġ u Nol – Azzjoni għall-Ħlas tan-Nol – Dekadenza – *Convention of the 19th May 1956 in the Contract for the International Carriage of Goods by Road – CMR – The Hague Rules* – Ċertezza tad-Dritt bejn il-Partijiet**

*Appell dwar in-natura ta' azzjoni eserċitata mis-soċjetà attriċi jekk hix dik għar-risarċiment tad-danni jew għall-ħlas tan-nol. Minn qari ta' l-artikoli rilevanti il-Qorti ta' l-Appell waslet għall-konklużjoni illi l-azzjoni kienet dik konnessa mal-kuntratt tan-nolleġġ tal-bastiment.*

*Biex tapplika il-Konvenzjoni CMR, irid ikun hemm ftehim espress bejn il-partijiet u dan sabiex fost aspetti oħra tiġi assikurata iċ-ċertezza tad-dritt bejn il-partijiet.*

*L-eċċezzjoni tad-dekadenza bażata fuq l-art. 544 (a) tal-Kap. 13 u fuq il-Konvenzjoni magħrufa bħala CMR ġiet miċħuda.*

Il-Qorti:- Ikknsidrat:

Quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ il-kumpanija attriċi ħarrket lis-soċjetà konvenuta u ssottomettiet illi hija kienet mitluba tipprovdi "*trailers*" għall-ġarr ta' merkanzija mill-Olanda għal Malta, imma fis-6 ta' Awissu, 1981, l-ebda merkanzija ma tgħabbiet mill-Olanda u t-"*trailer*" kellu jiġi lura Malta vojt, u b'hekk, is-soċjetà attriċi talbet illi (a) "għal dan ix-xogħol u spejjeż" il-kumpanija konvenuta tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' elf, mitejn u ħamsa u ħamsin lira (Lm1,255); kif ukoll għal "servizzi ta' ġarr ta' merkanzija" il-bilanċ ta' somma akbar ta' erba' mija u tmintax-il lira u wieħed u sittin ċenteżmu (lm418.61,0) kif jidher fid-dokument B;

Is-soċjetà konvenuta eċċepiet illi (a) l-ammont ta' Lm418.61,0 tħallas u (b) xejn ma huwa dovut rigward l-ordni tat-trasport mill-Olanda billi l-kumpanija attriċi naqset li tipprovdi s-servizz mitlub; u dan fit-22 ta' Frar, 1983;

Fit-8 ta' Awissu, 1984, il-kumpanija konvenuta eċċepiet

ulterjorment illi l-azzjoni attriċi għall-ammont ta' Lm1,255 hija preskritta jew dekaduta skond l-artikolu 636(a) Kap. 17 u l-artikolu 32(1) tal-Konvenzjoni fuq il-Kuntratt tal-Ġarr Internazzjonali ta' Merkanzija fuq it-triq (CMR) tal-1956;

Ġie nominat l-avukat Dottor Max Ganado biex jisma' l-provi tal-partijiet u jirrelata fuq it-talbiet u l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jew dekandenza tal-azzjoni attriċi li ssottomettiet il-kumpanija konvenuta;

*Omissis;*

U la din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li ma jirriżulta ebda ftehim espress jew taċitu bejn il-kontendenti illi s-*CMR Convention* tirregola l-kuntratt tat-trasport involut fil-każ in deżamina, ma tidher l-ebda utilità prattika li din il-Qorti tinvestiga l-kwistjoni ferm dibattuta f'din il-kawża jekk il-"*Period of limitation*" stabbilit bl-artikolu 32 tal-imsemmija *convention*, japplikax jew le għall-azzjonijiet miġjuba "*for the payment of damages when carriage has not yet commenced*" – liema kwistjoni qegħda titħalla impreġudikata. Dana peress li, la ma jirriżultax sodisfaċentement li s-*CMR Convention* hija applikabbli għall-każ odjern, ċertament l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut skond l-artikolu 32(1) tal-imsemmija *Convention* ma hijiex applikabbli lanqas;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-għaref perit legali li lanqas l-eċċezzjoni l-oħra tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 636(a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ ma hija applikabbli għal dan il-

każ u dana għar-raġunijiet indikati mill-istess perit legali fir-relazzjoni tiegħu, li qegħdin jiġu adottati, għaliex huma biżżejjed konvinċenti u għalhekk jagħmlu kull kumment ieħor superfluwu anke peress li l-konvenut ma ressaq ebda argumenti biex jikkumbatti l-imsemmija konklużjoni tal-għaref perit legali;

L-appell minn din *is-sentenza da parti tal-kumpanija* konvenuta, huwa bażat fuq l-aggravji li se jiġu kunsidrati hawn taħt:

(a) L-ewwel aggravju huwa *li l*-azzjoni *li* qed teżerċita *l*-kumpanija attriċi hija għan-noll u li l-kliem użati fiċ-ċitazzjoni jfissru dan, u ma jfissrux li qiegħed ifittex għad-danni;

Din id-determinazzjoni hija neċessarja għall-iskop tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 544(a) tal-Kap. 13 (ġa art. 636(a) tal-Kap. 17, fi żmien is-sentenza):

"kull azzjoni għall-ħlas ta' nol, sena wara li jispiċċa l-vjaġġ;"

Fil-Kodiċi tal-Kummerċ, fejn hija kontemplata din il-preskrizzjoni, jintuża s-sostantiv "*nol*", matul il-Kodiċi kollu, fil-kuntest tal-kuntratt ta' noleġġ – l-ewwel Titolu, it-Tieni Taqsima;

L-art. 273 *jgħid*:

"Il-kuntratt ta' noleġġ huwa ftehim għall-kiri ta' bastimenti;"

Waqt illi l-art. 373 jiddisponi illi

"(1) L-ammont tan-nol jiġi ppruvat bil-kuntratt ta' noleġġ, jew bil-poloz ta' karigu.

(2) Fin-nuqqas ta' dawn il-provi, u kwantu għall-merkanzija li tkun tas-sidien infishom tal-bastiment, l-ammont tan-nol jiġi likwidat minn periti;"

Mill-qari konkordat ta' dawn l-artikoli, ma jidhirx li jista' jiġi dubitat illi l-preskrizzjoni tal-art. 544(a) hija maħsuba għall-azzjonijiet konnessi mal-kuntratt ta' noleġġ ta' bastiment u għalhekk ma jistax jiġi nvokat fil-każ preżenti;

Dan huwa biżżejjed għaċ-ċaħda ta' dan l-aggravju però tista' tiżdied osservazzjoni fuq l-aspett formali taċ-ċitazzjoni għaliex il-konvenuta soċjetà qegħda tinsisti illi l-frażi wżata fiċ-ċitazzjoni "għax-xogħol u spejjeż" – li tagħhom qed jintalab l-ammont ta' Lm1,255 – tfisser u hija ekwivalenti għal "nol", meta l-ammont miftiehem għat-trasport li kellha tagħmel is-soċjetà attriċi, kien superjuri għal dak mitlub. U la l-attur nomine m'huwiex jitlob l-ammont miftiehem, imma ammont inferjuri biex jagħmel tajjeb "għax-xogħol u spejjeż" li għamel għalxejn, għaliex ebda merkanzija ma ġarr – lanqas taħt dan l-aspett ma tista' tkun aċċettabbli l-pretensjoni konvenuta;

(b) Il-konvenut nomine, eċċepixxa wkoll preskrizzjoni, jew aħjar dekadenza oħra, dik kontemplata fl-artikolu 32(1) (ċ) tal-"*Convention of 19th May 1956 in the Contract for the International Carriage of Goods by Road* – *CMR*;

Din il-Qorti – taqbel ma' dak li ntqal fis-sentenza appellata illi m'hemm xejn fil-provi in kawża li jiġġustifikaw dak li

kkonkluda l-perit ġudizzjarju fir-relazzjoni tiegħu, *illi l*-partijiet kienu **taċitament** ftehmu li għan-negozju tagħhom tapplika l-konvenzjoni;

Però, hemm aktar minn hekk, – għaliex din il-Qorti taħseb illi biex il-Konvenzjoni tapplika, il-partijiet iridu jkunu **espressament** ftehmu hekk. Dan il-prinċipju huwa segwit f'diversi sistemi ġuridiċi, u l-President ta' din il-Qorti, sedenti bħala Imħallef fil-Qorti tal-Kummerċ, riferibbilment għall-applikabbilità ta' dawk li huma magħrufa bħala *The Hague Rules*, irritjena l-istess prinċipju fis-sentenzi "Avukat Dott. Austin Sammut *ne. et ne. vs.* Vivian Bianchi *et ne.*" tat-3 ta' Mejju, 1990 u "Avukat Dott. Austin Sammut *ne et. vs.* James G. Gollcher *et ne.*" tal-10 ta' Mejju, 1990;

Kemm dan il-prinċipju huwa ġuridikament indikat huwa demostrat minn dan il-proċess stess fejn il-konvenut jargumenta *illi ġa la darba l-attur f'ċertu mument tal-kawża, fin-nota* ta' osservazzjonijiet tiegħu qal, li l-Konvenzjoni għandha tapplika u għaliex dan għamel hekk, l-appellant jgħid:

"L-appellant għażel, kif għandu dritt, illi jaqbel mal-attur dwar l-applikazzjoni ta' din il-*Convention*....";

Ċertament, l-applikazzjoni o meno ta' normi li jirregolaw negozju ġuridiku ma jistgħux jiġu mill-Qorti nfurzati a bażi ta' argumentazzjonijiet simili ta' deduzzjonijiet mill-atteġġjamenti ta' konvenjenza li jassumu l-partijiet matul il-kawża;

Biex il-Qorti tkun tista' tapplika bħala liġi dak li hemm fil-Konvenzjoni anki meta din mhux **espressament** miftehma bejn

il-partijiet jista' jsir meta, iż-żewġ partijiet, **paċifikament** u **mingħajr ebda kontestazzjoni fuq daqshekk,** jitolbu 'l-Qorti biex tirregola r-relazzjoni ta' bejniethom, b'dik il-Konvenzjoni;

Iċ-ċertezza tad-dritt bejn il-partijiet għandha tiġi assikurata;

Is-sentenza appellata laqgħet it-talba tal-attur nomine fis-somma ta' erba' mija u tmintax-il lira u wieħed u sittin ċenteżmi (Lm418.61,0) u l-konvenut nomine appellant, akkwijexxa għal din il-parti tas-sentenza u talab li dik id-domanda tiġi ntaxxata bħala ammissjoni;

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sena illi (a) tilqa' t-tieni talba tal-attur nomine u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta li tħallsu erba' mija u tmintax-il lira u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm418.61,0) għal ġarr ta' merkanzija kif ammettiet l-istess kumpanija konvenuta, u (b) tirrespinġi l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni skond l-art. 544(a) Kap. 13 u dik ibbażata fuq dak li hemm fil-Konvenzjoni magħrufa bħala CMR – billi din mhix il-liġi tal-każ; u għalhekk tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, biex il-kawża tkompli tiġi trattata u deċiża skond il-liġi;

Spejjeż taż-żewġ istanzi għas-soċjetà konvenuta.